



Brussell, 20 ta' Frar 2026  
(OR. en)

15484/25  
ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0115 (COD)

---

---

EF 372  
ECOFIN 1523  
CODEC 1823  
*ECB*

### **ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL**

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza

– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fid-19 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew il-pakkett ta' rieżami tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet Bankarji u l-Assigurazzjoni tad-Depożiti (CMDI) (minn hawn 'il quddiem il-"proposta"), li jikkonsisti f'komunikazzjoni u erba' atti legali, li minnhom l-att legali "Daisy chains" eventwalment inqata' mill-proposta u ġie adottat separatament mill-koleġiżlaturi (għalhekk, ir-referenzi għas-CMDI jew għall-proposta minn hawn 'il quddiem għandhom jinftiehem bħala referenza għat-tliet atti legali li jifdal):

- Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-miżuri ta' intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni ("BRRD");
- Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza ("DGSD");
- Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni ("SRMR");
- Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta' ċerti aspetti tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli ("Daisy chains").

2. Il-BRRD u l-SRMR huma bbażati fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u d-DGSD hija bbażata fuq l-Artikolu 53(1) tiegħu (proċedura leġiżlattiva ordinarja).
3. L-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ġiet adottata fil-5 ta' Lulju 2023<sup>1</sup>. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġiet adottata fit-13 ta' Lulju 2023<sup>2</sup>.
4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij (il-Kumitat ECON) kellu r-responsabbiltà ewlenija. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024.
5. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni Bankarja ddiskuta l-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-24 ta' Mejju 2023, is-7 ta' Lulju 2023, l-20 ta' Lulju 2023, it-18 ta' Settembru 2023, id-9 ta' Ottubru 2023, il-31 ta' Ottubru 2023, il-21 ta' Novembru 2023, is-27 ta' Frar 2024, il-25 ta' Marzu 2024, is-26 ta' April 2024, it-23 u l-24 ta' Mejju 2024, it-3 ta' Ġunju 2024 u s-7 ta' Ġunju 2024. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-mandat ta' negozjar fid-19 ta' Ġunju 2024 u ta mandat lill-Presidenza biex tidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew. Fuq dik il-bażi, saru negozjati mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari.
6. It-trilogi saru fis-17 ta' Diċembru 2024, fl-14 ta' Jannar 2025, fl-4 ta' Frar 2025, fit-12 ta' Marzu 2025, fil-25 ta' Marzu 2025, fit-28 ta' April 2025, fit-22 ta' Mejju 2025 u fil-5 ta' Ġunju 2025.

---

<sup>1</sup> ST 11577 2023 INIT

<sup>2</sup> ST 15142 2025 INIT

7. Fl-aħħar trilogu tal-25 ta' Ġunju 2025, intlaħaq qbil politiku proviżorju bejn il-koleġiżlaturi, li rriżulta fit-testi ta' kompromess finali kif jinsabu fid-dokumenti ST 15011 ADD1 2025, ST 15011 ADD2 2025 u ST 15011 ADD3 2025.
8. Fil-5 ta' Novembru 2025, il-Kumitat ECON tal-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għat-testi ta' kompromess. Fis-6 ta' Novembru 2025, il-President tal-Kumitat ECON bagħtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indikat li, jekk il-Kunsill jibgħat lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu kif maqbula, soġġetta għal rieżami mill-ġuristi lingwisti, hi tirrakkomanda lill-Plenarja biex il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament (ara n-nota ta' informazzjoni rispettiva<sup>1</sup> lill-Coreper).
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Novembru 2025, il-Coreper laħaq qbil politiku, abbażi tat-testi ta' kompromess. It-testi ta' kompromess kienu soġġetti għar-rieżami mill-ġuristi lingwisti, li rriżulta fit-testi finali li jinsabu fid-dokumenti ST 15389/25, ST 15445/25 u ST 15484/25 biex ikun jista' jintlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari.

---

<sup>1</sup> ST 15146 2025

## II. OBJETTIV EWLIENI

10. Il-pakkett tas-CMDI jipprevedi żvilupp immirat tal-qafas eżistenti bil-għan li r-**riżoluzzjoni ordnata għal banek żgħar u ta' daqs medju ssir prattikabbli** billi l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jiġu awtorizzati jiġbdu, f'każijiet eċċezzjonali u taħt kundizzjonijiet stretti, fondi mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti (SGD) biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' riżoluzzjoni b'trasferiment ta' bank jekk il-kapaċità interna ta' assorbiment tat-telf ta' tali bank ma tkunx biżżejjed biex jiġi aċċessat l-arranġament ta' finanzjament tar-risoluzzjoni. Billi tispjega l-ġerarkija tal-finanzjament u l-mekkaniżmi operazzjonali, ir-riforma għandha l-għan li **timminimizza r-rikors għall-flus tal-kontribwenti** filwaqt li tippreserva l-aċċess tad-depożitanti u l-istabbiltà finanzjarja u tirrispetta l-prinċipju ewlieni tal-qafas ta' riżoluzzjoni tal-assorbiment tat-telf primarju mill-azzjonisti u l-kredituri biex tipproteġi l-integrità tal-arranġamenti ta' finanzjament tar-risoluzzjoni.
11. Biex tnaqqas il-frammentazzjoni madwar l-Unjoni, ir-riforma għandha wkoll l-għan li **tarmonizza t-trattament ta' miżuri alternattivi u preventivi** u ssaħħaħ il-koordinazzjoni transfruntiera bejn is-superviżuri u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

### Kuntest proċedurali

12. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim bikri fit-tieni qari abbażi tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġislaturi.

## Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin

13. Meta mqabbla mal-pożizzjoni tal-PE, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar id-DGSD fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġiżlaturi:
14. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tiżgura li l-użu tal-fondi tas-SGD barra mir-risoluzzjoni, b'mod partikolari għal miżuri alternattivi u preventivi, jibqa' diskrezzjoni nazzjonali u tipprevedi kundizzjonijiet dettaljati dwar l-użu ta' dawn il-miżuri, inkluż rekwiżiti għal pjanijiet ta' rkupru, salvagwardji ta' governanza, u restrizzjonijiet fuq dividendi u remunerazzjoni varjabbli. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tintroduċi dispożizzjonijiet li jiċċaraw ir-rwol u r-rekwiżiti tal-Iskemi ta' Protezzjoni Istituzzjonali (SPI) rikonoxxuti bħala SGD, li jippermettu trasferimenti temporanji biex jappoġġaw il-likwidità u s-solvenza tal-istituzzjonijiet affiljati biss meta jiġu ssodisfati salvagwardji stretti u b'hekk jiġu ppreservati l-indipendenza operazzjonali u s-solidità finanzjarja tas-SGD filwaqt li jippermettu lill-IPS jaġixxu malajr biex jipprevjenu fallimenti fin-networks tagħhom. Filwaqt li jinżamm l-involviment tas-SGD lil hinn mill-iżborż fl-insolvenza, il-pożizzjoni tal-Kunsill tapplika t-test tal-inqas kost (LCT) simplifikat b'mod uniformi għall-miżuri kollha ta' maniġġar tal-kriżijiet, sabiex jiġi żgurat li l-interventi tas-SGD fir-risoluzzjoni u barra minnha ma jaqbbux il-kost tar-rimborż tad-depożiti koperti.

## IV. KONKLUŻJONI

15. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tissottolinja l-oġġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.